MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 1124/1997/1

**Joseph u Theresa konjugi Abela**

**Vs**

**Simon Gatt u Anthony Ferris u b'digriet tal-20 ta' Marzu 1998 giet kjamat in kawza Lorraine Ferris mart Anthony**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundannati:
(1) prevja d-dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenuti jew min minnhom responsabbli, bhala proprjetarji tal-bini fit-tieni sular u dak fit-tielet sular adjacenti ghall-fond bl-isem "Dolphin" numru 28 u b'digriet tas-26 ta' Jannar 1999 in-numru 28 jigi sostitwit b'88, f'Saint Simon Street, Bugibba li jappartjeni lill-atturi, ghad-danni sofferti mill-istess atturi meta f'Settembru tal-1995

dahal l-ilma mill-bini taghhom fuq imsemmi ghal gol–fond ta’ l-attur hawn ukoll imsemmi;
(2) l-likwidazzjoni tad-danni li gew hekk sofferti mill-atturi;
(3) thallsu lill-atturi li jigu likwidati kif hemm mitlub fl-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra taghhom. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni reklamati ma jeccedux is-somma ta’ Lm650.00.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ferris (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi c-citazzjoni fil-konfront tal-eccipjenti hija nulla u bla effett stante li si tratta ta’ beni parafernali, u fi kwalunkwe kaz l-eccipenti huwa mizzewweg, u martu ma gietx imharrka.
2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li bhala proprietarju tal-bini hawn indikat saret hsara fil-bini tal-atturi.
3. Illi fit-tielet lok, il-bini li sar mill-eccipjenti sar skond is-sengha u l-arti, anke rigwardanti l-fondi l-ohra adjacenti ghall-fond tal-atturi, anke dawk mhux indikati fl-avviz.
4. Illi fir-raba lok, l-eccipjenti ma hija responsabbli ghall-ebda dannu, u l-istess allegati hsarat (fi kwaltunkwe kaz esagerati) gew ikkawzati mill-istess atturi u mill-konvenut l-iehor, u l-eccipjenti ma kellhu x’jaqsam xejn.
5. Illi fil-hames lok, u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta’ danni rikjamat ta’ sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650.00) huma esagerati, u saru mill-atturi abbusivament u minn jeddhom, bla ma hadu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jimminimizzaw id-danni u l-hsara, kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-19 ta’ Novembru 1997 (fol 7 ibid) minn fejn jidher li l-konvenut, Simon Gatt quddiem l-

istess Qorti, kien ammetta r-responsabilta tieghu fil-kaz in esami u li dan il-konvenut kien hallas sehmu mid-danni involuti (ara ukoll fol 19 ibid kif ukoll fol 37 ibid).

Rat dak verbalizzat a fol 12 tal-atti kif ukoll id-digriet moghti fis-26 ta' Jannar 1999 (fol 13 ibid) u li permezz tieghu giet awtorizzata mill-Qorti l-korrezzjoni kif hemm mitluba.

Rat in-nota a fol 29 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti Ferris (fol 44 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzojni attrici a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma kkagunaw l-ebda danni lill-atturi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Mejju 2005 u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kif eccepiet fit-tieni nota tal-eccezzjonijiet tal-konjugi Ferris, flimkien.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Ikkunsidrat

Illi bint l-atturi, Elizabeth Abela (fol 63 et seq ibid) spjegat illi il-konvenuti kienu bnew zewg appartamenti u "… go fihom dahal hafna ilma, liema ilma dahal fil-propjeta tal-atturi", sitwata fl-indirizz imsemmi fl-avviz. Dwar dan hi kienet tkellmet mal-konvenut, Simon Gatt li, filfatt, ammetta r-responsabilita tieghu ghall-hsart kagunati "… peress illi lanqas kienu ghamlu l-kontrabejt". Inoltre l-istess Simon Gatt, wara li gew riparati l-hsarat fil-proprjeta tal-atturi kien hallas sehmu permezz ta' "cheque".

In rigward il-konvenut l-iehor Anthoy Ferris, li hu mizzewweg lill-oht l-istess Simon Gatt, "Ma garax l-istess

…” u ghalhekk , ix-xhud esebiet id-dokumenti kollha in relazzjoni mar-riparazzjoni tal-istess hsarat u li jinsabu a fol 65 sa fol 67 tal-att. Minnhom, jirrisulta illi l-hsarat pretizi mill-atturi jammontaw “in parte” ghal Lm525 ossija €1222.92.

Illi dwar l-istess hsarat, l-atturi pproducew lill-Arkitett u Inginier Civili Frederick Doublet (fol 71 ibid) li esebixxa r-rapport maghmul minnu, wara li gie inkarigat mill-istess atturi u dan issottometta illi l-istess hsarat u difatti kif riskontrati u kostatati minnu kienu gew kawzati mid-dhul ta‘ ilma mill-fond adjacenti cjoe minn dawk tal-istess konvenuti u li kienu ghadhom taht kostruzzoni minghajr, pero’ il-prekawzjonijiet necessarji sabiex l-ima tax-xita jigi migbur u ma jidholx fil-post tal-atturi.

Illi permezz ta’ “affidavit” sottomess mill-istess attur (fol 79 ibid) gie sottomess ulterjorment, illi l-istess post kellu bzonn ukoll ta’ tibjid, bhala konsegwenza ta’ dak premess u ta’ dan saret l-ispiza ta’ Lm105 ossija €244.58.

Illi, finalment u inkonnessjoni mal-inkarigu moghti lill-imsemmi Perit saret spiza ulterjuri ta’ Lm17.25 ossija €40.18

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, Anthony Ferris (fol 43 u fol 49 et seq ibid) in rigward il-meritu ta’ din il-kawza, semplicement xehed illi hu ma ghandu jaghti xejn lill-atturi “… peress illi l-proprjeta’ tieghi ma tmissx … ma dak il-post li minnu dahal l-ilma” allegazzjoni kontradetta minn dak li xehed l-imsemmi Perit, inkarigat mill-istess attrici.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher li gie pruvat, fuq bazi ta’ probablita’, illi l-hsarat kagunati fil-post tal-atturi, kien risultat dirett tan-nuqqasijiet, kif deskritti mill-istess Perit, fir-rapport “ex parte” tieghu izda li ma giex kontestat ghal liema nuqqasijiet kienu responsabbli l-istess konvenuti.

Illi hu minnu, ukoll, illi Simon Gatt kien ammetta r-responsabilta tieghu f'dan il-kaz u hallas sehmu tal-imsemmi hsarat kif hawn fuq konfermat, liema hlas jidher li sar wara l-presentata tal-istess avviz.

Illi, tenut kont illi, globalment l-istess hsarat ammontaw ghal €1507.69, Anthony Ferris, il-konvenut, ghandu jigi ritenut responsabbli ghal nofs (1/2) dan l-ammont ossija €754.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz in rigward il-meritu tieghu fil-konfront tal-konvenut Simon Gatt, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut, Anthony Ferris u:

(1) tiddikjara lill-konvenut, Anthony Ferris, bhala "in parte" responsabbli ghad-danni sofferti mill-istess atturi meta f'Settembru 1995 dahal ilma mill-bini tieghu ghal gol-fond tal-atturi msemmi fl-avviz;
(2) tillikwida l-ammont globali ta' dawn fis-somma ta' €1507.69 u;
(3) tikkundanna lill-istess konvenut Anthony Ferris sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' €754 bl-imghax legali mis-6 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes ta' dawn il-proceduri, dawn ghandhom jithallsu nofs (1/2) mill-konvenut Simon Gatt u nofs mill-konvenut Anthony Ferris u martu Lorraine Ferris.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------